# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Mejju 2019**

**Numru 12**

**Rikors numru 1225/07 JPG**

**Norbert Degabriele, Ray, Alex, Mario, Stephen, Andrew, u Jane armla minn Joseph Degabriele fil-kwalita` taghha ta' uzufruttwarja tal-assi tal-mejjet zewgha Joseph Degabriele ghal kull interess li jista' jkollha u b'digriet tat-3 ta' Gunju 2010 il-Qorti ordnat li l-atti jigu trasfuzi f'isem Norbert, Raymond, Alexander, Mario, Stephen u Andrew ahwa Degabriele**

**v.**

**Carmelo Degabriele, Ernest Degabriele, Erminia mart Joseph Conti u Hilda mart Anthony Galea**

1. Dan hu appell maghmul mill-konvenuta Hilda Galea [il-konvenuta Galea] mid-digriet moghti fit-12 ta' Ottubru, 2016, [id-digriet appellat], mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti filwaqt li ammettiet is-sentenzi annessi mar-rikors tal-konvenuta Galea intavolat fit-22 ta' Frar 2016 [ir-rikors promotur], cahdet it-talba taghha ghal dikjarazzjoni dwar il-kawzali tad-dizeredezzjoni taghha u ghall-

konsegwenti ammissjoni fil-wirt tad-decujus Maria Dolores Degabriele fil-legittima spettanti lilha.

Il-Fatti

2. Il-fatti rilevanti ghal dan l-appell kif jirrizultaw mill-atti huma s-segwenti. Il-kawza odjerna giet maghmula mill-atturi fejn qeghdin jitolbu l-qsim u l-bejgh in licitazzjoni tal-assi ereditarju tal-mejjet Joseph Degabriele li miet fit-30 ta' Settembru 1970, u wkoll it-trasferiment u l-hlas tal-legittima spettanti lilhom mill-wirt tal-mejta Maria Dolores armla tal-istess Joseph Degabriele li mietet fl-10 ta' Mejju 2005. Il-konjugi Degabriele kienu ghamlu testment unica charta fl-atti tan-Nutar John Spiteri Maempel fil-25 ta' Novembru 1955[1] fejn innominaw lill-erba' uliedhom Joseph, Hilda, Erminia u Charles ahwa Degabriele bhala l-eredi universali taghhom filwaqt li dizereditaw lit-tifel taghhom Ernest Degabriele.

3. Joseph Degabriele, binhom u missier l-atturi Norbert, Ray, Alex, Mario, Stephen u Andrew ahwa Degabriele miet fid-19 ta' Gunju 1985 u permezz tat-testment tieghu fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia maghmul fl-1 ta' Lulju 1983, hu nnomina lill-atturi ahwa Degabriele [atturi ahwa Degabriele] bhala l-eredi tieghu.

[1] A fol 7.

4. Sussegwentement id-decujus Maria Dolores armla minn Joseph Degabriele ghamlet testment iehor fis-16 ta' Jannar 2002[2] fl-atti tan-Nutar Dott. Ritienne Fenech fejn innominat lil uliedha Ernest, Carmelo u Erminia bhala eredi universali taghha, filwaqt li halliet biss il-legittima lill-atturi ahwa Degabriele u dizereditat lill-konvenuta Galea ghaliex skont dak it-testment "*…l-imsemmija Hilda Galea abbuzat mil-prokura li t-testatrici kienet ghamlet favur taghha billi abbuzivament zbankat is-somma ta' tnejn u erbghin elf, tlettmija u erbgha u erbghin punt tlieta u tletin (42,344.33) lira sterlini mill-Bank of Valletta plc, liema somma l-imsemmija Hilda Galea qatt ma kkonsenjatha lit-testatrici ghalkemm it-testatrici talbitha biex tikkonsenjalha din is-somma*".[3]

5. Fil-mori tal-kawza mietet ukoll l-attrici Jane armla minn Joseph Degabriele u fit-3 ta' Gunju 2010 l-ewwel Qorti ordnat li l-atti jigu trasfuzi f'isem uliedha l-atturi ahwa Degabriele.

Mertu

6. Il-konvenuta Galea pprezentat rikors fit-22 ta' Frar 2016 fl-atti tal-kawza fl-ismijiet fuq premessa fejn filwaqt li esebiet kopja ta' zewg sentenzi[4] talbet lill-ewwel Qorti sabiex:

> "… prevja kwalunkwe ordni li din il-Qorti jidhrilha xierqa li ghandha taghti, li tiehu konjizzjoni formali taz-zewg sentenzi

[2] A fol. 20.
[3] A fol. 21.
[4] A fol. 787 P.A. 157/2002, **Maria Dolores Degabriele vs Hilda Galea et**, 22 April 2015, u a fol. 792 Mag.144/2004, **Il-Pulizija vs Hilda Galea**, 4 Novembru 2014.

> indikati u tordna li l-kawzali tad-dizeredezzjoni ma tesistix u konsegwentement l-esponenti ghandha tigi ammessa lura fil-wirt ta l-imsemmija decujus fil-legittima lilha spettanti".

7. Il-konvenut l-iehor Carmelo Degabriele wiegeb ghal dan ir-rikors fl-4 ta' Marzu 2016 fejn qal li fl-ewwel lok l-atturi kienu qeghdin jitolbu l-likwidazzjoni <u>biss</u> tal-eredita` tal-mejta Maria Dolores Degabriele u mhux id-divizjoni tal-istess u dan ghaliex huma kienu legittimarji u mhux eredi. Imbaghad osserva li fis-sentenzi citati mill-konvenuta Galea ma kien hemm l-ebda talba dwar id-dizeredazzjoni taghha u lanqas ma kienet qatt intavolat proceduri biex timpunja l-istess, liema proceduri setghu biss isiru fil-konfront tal-eredi izda mhux tal-legittimarji. Inoltre kwalsiasi talba jew kawza li kienet tispetta lill-konvenuta Galea kienet preskritta ai termini tas-subartikolu 845(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta [Kodici Civili].

8. L-atturi pprezentaw ir-risposta taghhom fis-7 ta' Marzu 2016 fejn ressqu l-istess ragunijiet ghac-cahda tat-talba tal-konvenuta Galea bhal dawk tal-konvenut Carmelo Degabriele.

9. Il-kuratur Av. Dott. Adrian Camilleri ghan-nom ta' Erminia Conti pprezenta r-risposta tieghu fil-11 ta' Marzu 2016 fejn issottometta li fis-sentenzi citati mill-konvenuta Galea ma kien hemm l-ebda ordni tal-qorti kompetenti li varjat b'xi modi d-dikjarazzjoni ta' dizeredita` maghmula mill-mejta Maria Dolores Degabriele fit-testment taghha u ghalhekk dik id-dikjarazzjoni tibqa' tghodd.

Id-Digriet Appellat

10. Fid-digriet taghha tal-4 ta' Ottubru, 2016, l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "**Ikkonsidrat**:
>
> "Illi t-talba intavola mill-intimata Hilda Galea hija sabiex il-Qorti tiehu konjizzjoni formali ta' zewg sentenzi citati fir-rikors u sabiex "tordna li l-kawzali tad-dizeredazzjoni ma tesistix" u ergo l-intimata "ghandha tigi ammessa lura fil-wirt tal-imsemmija decujus fil-legittima lilha spettanti."
>
> "L-intimati Carmelo Degabriele, Norbert Degabriele,u Erminia Conti rrebattew illi li s-sentenzi annessi mar-rikors jirrigwardaw biss l-eredita' ta' Maria Dolores Degabriele li l-attur qed jitolbu biss likwidazzjoni taghha u mhux d-divizjoni bejn l-eredi.
>
> "Eccepew ukoll illi s-sentenzi annessi ma jikoncernawx xi talba dwar id-dizeredazzjoni jew l-impunjar tal-istess, ghaldaqstant il-Qorti ma tistghax tordna li l-kawzali ta' dezeredazzjoni ma tezistix; inoltre eccepew li tali talba issa ma setghatx issir b'kawza ad hoc, stante li hija preskritta b'terminu li skada fl-10 ta' Mejju 2015.
>
> "**Ikkonsidrat:**
>
> "It-talba tal-intimata Galea kif intavolata fir-rikors tat-22 ta' Frar 2016, ghajr ghal-produzzjoni tas-sentenzi annessi ma tistghax tigi akkolta.
>
> "Dan qieghed jinghad ghal diversi ragunijiet. Primarjament Galea ma ressqet ebda kontro-talba f'dawn il-proceduri ghalhekk din il-Qorti **ma tista' b'ebda mod tawtorizza xi korrezzjoni jew addirittura introduzzjoni ta' talba gdida** ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 ghaliex ma hemmx kontro-talba f'dawk il-proceduri.
>
> "Din il-Qorti lanqas ma tara utilita' li tissospendi dawn il-proceduri u takkorda terminu qasir sabiex Galea tintavola kawza ad hoc biex timpunja d-dizeredazzjoni, mifhum li skada t-terminu mahsub fl-Artikolu 845(1) tal-Kapitolu 16 biex dan jsir u cioe' t-terminu preskritt skada fl-10 ta' Mejju 2015.

> "Ghaldaqstant filwaqt li tammetti s-sentenzi anness, tichad t-tieni talba ta' Hilda Galea kif dedotta fir-rikors tat-22 ta' Frar 2016.
>
> "Bl-ispejjez kontra Hilda Galea".

Permess ghall-Appell

11. Il-konvenuta Galea hassitha aggravata bid-digriet appellat u ghalhekk talbet lill-ewwel Qorti permezz ta' rikors intavolat fl-24 ta' Ottubru 2016 sabiex tinghata permess tappella minn dak id-digriet interlokutorju. Il-Qorti laqghet dan ir-rikors.

L-Appell

12. Il-konvenuta Galea pprezentat l-appell taghha fit-23 ta' Mejju 2017 fejn talbet li ldin il-Qorti:

> "…joghgobha thassar u tirrevoka d-digriet interlokutorju moghti mill-Prim Awla tal-Qorti civili tat-12 ta' Ottubru 2016 billi tilqa it-talba kif kontenuta fir-rikors promotur tal-appellanti u tammettiha bhala legittimarja fis-sehem tal-wirt ta' ommha Maria Dolores Degabriele bl-ispejjes".

13. Hi fissret l-aggravji taghha hekk: (a) fiz-zewg sentenzi citati minnha fir-rikors promotur instab li ma kienx minnu li hi kienet agixxiet zbaljatament fil-konfront ta' ommha u ghalhekk ma kienx hemm aktar raguni ghaliex hi kellha tkun eskluza mill-wirt taghha bhala legittimarja; u (b) mill-bidu nett il-konvenuta Galea kienet irrizervat il-pozizzjoni taghha meta fir-risposta guramentata taghha qalet li hi ma kinitx taqbel mal-

kontenut tat-testment tas-16 ta' Jannar 2002 ghal dawk ir-ragunijiet li kienu ser jirrizultaw matul il-proceduri.

Ir-Risposti

14. Fir-risposta tieghu tal-15 ta' Gunju 2017, il-konvenut Carmelo Degabriele jissottometti li a skans ta' ripetizzjoni inutli hu jaghmel referenza ghar-ragunijiet imfissra fir-risposta tieghu pprezentata quddiem l-ewwel Qorti fl-4 ta' Marzu 2016. Osserva wkoll li: (a) l-ewwel Qorti kienet irrilevat li ga ladarba l-konvenuta Galea kienet qeghda tippartecipa fil-proceduri bhala konvenuta u ma ressqet l-ebda kontro-talba, ma setghetx titlob ghal zieda fit-talbiet f'kawza li ma kenitx saret minnha; (b) kellu jigi wkoll ikkonsidrat fil-kawza odjerna li l-atturi ma kienux qed jitolbu d-divizjoni u l-likwidazzjoni tal-wirt ta' Maria Dolores Degabriele izda biss il-legittima spettanti lilhom; (c) is-subartikolu 618(1) tal-Kodici Civili kien jirrikjedi li l-persuni dizereditati wkoll kellhom jigu kkonsidrati fil-kalkolazzjoni tal-porzjoni rizervata lill-legittimarji u ghalhekk it-talba tal-atturi ma kienx ser ikollha konsegwenzi fuq il-fatt jekk il-konvenuta Galea kinitx giet dizereditata jew le; (d) il-gurisprudenza tal-qrati taghna hi fis-sens li l-impunjazzjoni tad-dizereditazzjoni kellha ssir f'kawza *ad hoc* jew permezz ta' talba *ad hoc* bhala parti minn kontro-talba f'kawza ta' divizjoni ta' wirt; (e) id-dikjarazzjoni tan-nuqqas ta' qbil tal-konvenuta Galea mal-kontenut tat-testment ma kienetx ekwivalenti ghal talba ta' kontestazzjoni tad-dizereditazzjoni taghha; (f) l-oneru ta' prova rikjest mill-Artikolu 625

tal-Kodici Civili kien japplika fejn il-werrieta u mhux il-legittimarji kienu qeghdin jallegaw dizereditazzjoni.

15. Il-kuratur l-Av. Dott. Adrian Camilleri ghan-nom tal-assenti Erminia Conti pprezenta r-risposta tieghu fit-28 ta' Settembru 2018 fejn qed jissottometti li d-digriet appellat kien gust u moghti skont il-ligi u ghalhekk kellu jigi kkonfermat minn din il-Qorti. Preliminarjament jghid li l-appell kellu jigi dikjarat bhala dezert ai termini tal-Artikolu 963 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) ghaliex hu kien gie notifikat aktar minn sena wara li sar l-appell. Fil-mertu s-segwenti kienu r-ragunijiet ghaliex l-appell kellu jigi michud: (a) il-proceduri odjerni kienu jirrigwardaw id-divizjoni tal-wirt ta' Joseph Degabriele bejn l-eredi li kienu l-atturi u l-konvenuti, u wkoll il-likwidazzjoni tal-legittima allegatament spettanti lill-istess atturi mill-eredita` ta' martu Maria Dolores Degabriele, jigifieri fejn l-eredi huma Ernest, Charles u Erminia ahwa Degabriele; (b) mis-sentenzi citati mill-konvenuta Galea ma kienx jirrizulta xi ordni tal-qorti kompetenti fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' dizeredita` maghmula fit-testment ta' Maria Dolores Degabriele u ghalhekk dik id-dikjarazzjoni kienet tibqa' tghodd sakemm ikun hemm gudizzju *ad hoc*.

16. L-atturi fir-risposta taghhom ipprezentata fit-2 ta' Ottubru 2018 jissottomettu b'mod preliminari li l-appell kien irregolari ghaliex ma kienux gew notifikati l-partijiet bih izda saret notifika tieghu lill-konsulent legali taghhom, liema notifika saret wara t-terminu preskritt mill-ligi. Fil-mertu,

huma ssottomettew li d-digriet moghti mill-ewwel Qorti kien gust u kien jimmerita konferma u r-raguni moghtija minnhom hi li l-Qorti hi marbuta tiddeciedi fit-termini tal-premessi u l-kawzali tar-rikors guramentat u t-talba tal-konvenuta Galea kellha titressaq permezz ta' proceduri separati.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

17. Preliminarjament din il-Qorti ser titratta s-sottomissjoni maghmula mill-kuratur Av. Dott Adrian Camilleri ghan-nom ta' Erminia Conti li l-appell odjern ghandu jigi dikjarat dezert stante li n-notifika lilu saret wara sena mill-prezentata tieghu. Sottomissjoni simili saret mill-atturi.

18. Din il-Qorti tosserva li s-subartikolu 963(3) tal-Kap. 12 jipprovdi li:

> "Jekk, ukoll jekk ikunu ghaddew iz-zminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proceduri bil-miktub f'kawza m'humiex maghluqa,il-qorti ghandha ghal darba wahda biss taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proceduri jinghalqu kemm jista'jkun malajr u sabiex jigi evitat illi l-kawza tmur dezerta minhabba f'xi nuqqas ta' notifika jew minhabba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi procedura jew formalita'".

19. B'hekk ukoll fejn il-proceduri bil-miktub ma nghalqux fiz-zmien stipulat mill-ligi, il-kawza titqies dezerta biss wara l-qorti taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa bil-ghan li tigi evitata d-dezerzjoni. Ma jidhirx li fil-kaz odjern inghatat ordni bhal din u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tiddikjara li l-kawza giet dezerta.

20. L-atturi qeghdin jirrilevaw ukoll li n-notifika tar-rikors tal-appell saret hazin ghaliex saret lill-konsulent legali taghhom minflok lilhom. Jirrizulta pero` mill-atti[5] li fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2018 quddiem din il-Qorti, l-atturi taw ruhhom b'notifikati bl-atti tal-appell u b'hekk huma llum mhumiex aktar f'pozizzjoni li jinsistu fuq din is-sottomissjoni.

21. Ghal dak li jirrigwarda l-mertu tal-appell, it-talba tal-konvenuta Galea tirrigwarda d-dizeredazzjoni taghha mill-wirt maghmula minn ommha Maria Dolores Degabriele fit-testment taghha tas-16 ta' Jannar 2002 fl-atti tan-Nutar Ritienne Fenech. Id-dizeredazzjoni ta' dixxendent hi accettata mill-ligi taghna u hi regolata permezz tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 622 et seq. tal-Kodici Civili.

22. L-Artikolu 622 jipprovdi kif gej:

> "Barra mir-ragunijiet li ghalihom wiehed jista' jsir mhux denn li jiret, il-persuni li skont il-ligi ghandhom il-jedd ghas-sehem rizervat jistghu jigu mcahhda minnu b'dikjarazzjoni maghmula ghaldaqshekk mit-testatur, ghal xi raguni msemmija f'dan il-Kodici, u li tkun imfissra fit-testment".

L-Artikolu 623 imbaghad jelenka l-unici ragunijiet fejn dixxendent jista' jigi dizeredat.

[5] A fol. 23 process appell.

23. Il-gurisprudenza tal-qrati taghna tissenjala li d-dizeredazzjoni hi cirkostanza eccezzjonali fejn it-testatur jista' jhalli barra mill-wirt tieghu lil min bil-ligi ghandu dritt li jiehu minn dak il-wirt. Jinghad li hi cirkostanza eccezzjonali ghaliex fis-sistema guridika taghna t-testatur mhux moghti l-liberta` kollha biex jiddisponi minn gidu wara mewtu kif jixtieq hu u dejjem jibqa' d-dritt mhux mittiefes tal-legittima. Fis-sentenza taghha tat-8 ta' Frar 2006 fl-ismijiet **Dorothy Grech mart Emanuel v. Deborah Fenech De Fremaux**[6], il-Qorti gharfet dan u spjegat sew ir-raguni u l-effetti tal-istitut ta' dizeredazzjoni li sahansitra hu meqjus bhala odjuz:

> "Illi d-dizeredazzjoni hija meqjusa bhala circkostanza eccezzjonali li fiha t-testatur ikun jista' jhalli barra mill-wirt tieghu lil min, mod iehor,huwa bil-ligi mholli dak il-jedd. Fi kliem iehor, f'sistema guridiku bhala huwa dak Malti fejn it-testatur m'huwiex moghti liberta' shih dwar kif jiddisponi minn gidu ghal wara mewtu, id-dizeredazzjoni bija "rimedju" li jinghata lit-testatur dwar persuna li – kieku mhux ghal raguni serja u gravi mahsuba fil-ligi [f.n. 3 Raguni seja u gravi bizzejjed li tista' ccahhad il-jedd tal-manteniment skont l-artikolu 32 tal-Kap. 16] – kien ikollha jedd ghal-legittima. Hija circostanza li tmur kontra r-regola,u ghalhekk hija mharsa b'normi specjali bil-ghan li persuna ma titnehhiex kapriccjozament mill-jedd li tiehu s-sehem minimu li jmissha skont il-ligi. Fuq kollox, id-dizeredazzjoni hija ghamla ta' kastig li t-testatur jista' jimponi minhabba xi ghamil jew omissjoni li ghaliha jkun jahti l-werriet. B'differenza mic-cirkostanzi fejn persuna ma jkunx jisthoqqilha tiret lit-testatur [fn 4 Ara l-art. 605(1) tal-Kap. 16], id-dizeredazzjoni hija sanzjoni li huwa t-testatur innifsu li jaghzel li jimponiha, u hija meqjusa bhala istitut odjuz li jmissu jitnehha [Caruana Galizia Notes on Civil Law – Law on Succession, pagg. 1003-4]. Kemm hu hekk, fil-bidliet li saru dan l-ahhar fil-ligi tas-Successjoni, id-dizeredazzjoni tal-axxendenti tnehhiet [L-artikolu 624 tal-Kodici Civili thassar bl-art. 65 tal-Att XVIII tal-2004], izda l-legislatur ma deherlux li huwa l-waqt li titnehha wkoll dik tad-dixxendenti;".

[6] P.A.2710/1997JRM.

24. Minhabba l-fatt li d-dizeredazzjoni hi cirkostanza eccezzjonali, irid ikun hemm ragunijiet serji fejn id-dritt ghall-porzjon rizervat sahansitra jigi michud. Ghalhekk il-ligi stess telenka b'mod tassattiv dawk ir-ragunijiet li ghalihom it-testatur jista' jcahhad is-sehem rizervat lil min jispetta. Dan jinghad b'riferenza ghall-Artikoli 623 u 630 fejn fil-kaz odjern ma jidhirx li huma applikabbli d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 630 izda dawk tal-Artikolu 623. Izda skont l-istess Artikolu 622 it-testatur ghandu jispjega r-raguni tieghu ghalfejn ghazel id-dizeredazzjoni, liema raguni ma tistax tkun ghajr wahda minn dawk li tipprovdi ghalihom il-ligi. Jekk it-testatur jonqos milli jaghmel dan jew ir-raguni ghaliha ma tigix pruvata kif jirrikjedi is-subartikolu 625(1), imbaghad id-dizeredat ikollu biss il-jedd li jircievi s-sehem rizervat, u dan skont kif jipprovdi l-Artikolu 629[7].

25. Fil-kaz odjern, din il-Qorti taghraf li l-gudizzju jirrigwarda talba maghmula mill-atturi kontra l-konvenuti ghal-likwidazzjoni u assenjazzjoni ta' dik il-parti spettanti lilhom mill-wirt ta' Joseph Degabriele li hu missier missierhom ukoll Joseph Degabriele u l-likwidazzjoni, trasferiment u hlas tal-legittima spettanti lilhom mill-wirt ta' Maria Dolores armla ta' Joseph Degabriele u li tigi omm missierhom il-mejjet Joseph Degabriele. Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda l-wirt ta' Maria Dolores Degabriele li minnu giet dizereditata l-konvenuta Galea permezz tat-testment taghha tas-16 ta' Jannar 2002, it-talba hi ghal-likwidazzjoni u trasferiment u hlas

---
[7] Ara **Dorothy Grech mart Emanuel v. Deborah Fenech De Fremaux** appena citata.

tal-legittima stante li hi kienet halliet lilhom tali legittima biss filwaqt li istitwit bhala eredi taghha lil uliedha l-ohra Ernest, Carmelo u Erminia, jigifieri l-konvenuti kollha ghajr il-konvenuta Galea li kif diga` nghad, giet diseredata permezz tal-istess testment.

26. Fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li, kif osservaw il-konvenuti Carmelo Degabriele u l-Av. Dott. Adrian Camilleri bhala kuratur ghan-nom ta' Erminia Degabriele, il-proceduri odjerni jirrigwardaw likwidazzjoni tal-legittima fir-rigward tal-wirt tal-mejta Maria Dolores Degabriele u b'dan il-mod hu irrilevanti jekk id-dikjarazzjoni ta' dizeredazzjoni tapplikax fil-konfront tal-konvenuta Galea jew le. Dan ghaliex l-ezercizzju mitlub hu biss il-kalkolazzjoni tal-porzjon formanti l-legittima spettanti lilhom mill-assi ereditarji tal-mejta Maria Dolores Degabriele. Ghalhekk ma tezisti l-ebda talba fir-rigward tad-dizeredazzjoni. Il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Nicholas sive Colin Mercieca (KI 296270M) u Malcolm Mercieca (KI 8077M)**[8] fejn l-atturi kienu qeghdin jitolbu l-likwidazzjoni u l-hlas tas-sehem rizervat taghhom stante d-dizeredazzjoni ta' missierhom mejjet, irriteniet li ma kinitx ser tikkonsidra r-raguni ghad-dizeredazzjoni in vista tat-talba kif maghmula mir-rikorrenti:

> "Hu pacifiku li l-azzjoni odjerna ma tikkontemplax il-kwistjoni tad-dizeredazzjoni nnifisha. Din tirrizulta mit-testment ta' Teresa Mercieca u hija msemmija b'mod car u esplicitu. U hemm ukoll ir-raguni ghad-dizeredazzjoni. Ghaldaqstant in vista, tat-talba kif proposta mir-rikorrenti, m'hemmx lok li l-Qorti tezamina ulterjorment il-kwistjoni tad-dizeredita'.".

[8] P.A. 500/2015/LSO, 26 Novembru 2015.

27. Kif ukoll osservat l-ewwel Qorti u wkoll il-partijiet l-ohra, il-konvenuta Galea ma ressqet l-ebda kontro-talba quddiem l-ewwel Qorti ghal dikjarazzjoni li r-raguni ghad-dizeredazzjoni taghha fit-testment ta' ommha ma tirrizultax. Ghalhekk l-ebda dikjarazzjoni fir-rigward ma tista' tinghata mill-ewwel Qorti. Il-konvenuta Galea ma tistax tippretendi li l-procedura addottata minnha bil-prezentata ta' dak ir-rikors tista' tissana dak li naqset milli taghmel meta pprezentat ir-risposta guramentata taghha.

28. Il-Qorti tosserva wkoll li lanqas jista' jkun li f'dawk il-proceduri setghet tinghata tali dikjarazzjoni ghax dawn gew maghmula mit-testatrici stess fiz-zmien qabel ma mietet u ghalhekk qabel ma nfetah it-testment taghha meta allura l-konvenuta Galea skopriet li ommha kienet iddezereditata.

29. Din il-Qorti ma tistax tonqos milli tissenjala li l-konvenuta Galea setghet intavolat proceduri wara l-ftuh tat-testment ta' ommha sabiex tottjeni dikjarazzjoni kif mixtieqa minnha dwar ir-ragunijiet ta' dizeredazzjoni. Izda ghal xi raguni ghazlet li ma taghmilx dan u forsi kienet b'rimors ghal din id-decizjoni li intavolat ir-rikors promotur.

30. Ghaldaqstant l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti tiddeciedi dwar l-appell tal-konvenuta Galea billi tichdu u tikkonferma d-digriet appellat fl-intier tieghu.

L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jithallsu mill-konvenuta Galea.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb